MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 1808/2005/1

**Joseph u Maria konjugi Borg**

**vs**

**Emanuel Cauchi u Maddalena Cauchi**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Jannar, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta' elf mitejn erbgha u disghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm1,294.58) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez u dan wara li ppremettew li:-
>
> ▪ L-atturi huma propjetarji tal-fond 109, Flat 3, Santa Lucia Street, Valletta mentri l-konvenuti

huma proprjetarji tal-fond sottostanti 109, Flat 2, St Lucia Street, Valletta;

- L-atturi ghamlu xogholijiet u tiswijiet fuq il-bejt tal-Block numru 109 St Lucia Street, Valletta liema proprjeta hija komuni bejn 3 flats;
- Hemm ftehim bejn il-proprjetarji tal-Flat numru 1 u l-atturi li l-kont jinqasam bejn il-propjetarji tat-tlett flats u fil-fatt gie mhallas mis-sidien tal-flat numru 2 izda l-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu s-sehem taghhom mill-kont;
- Qabel ma saru x-xogholijiet il-konvenuti gew interpellati diversi drabi halli jintlahaq ftehim fuq ix-xogholijiet izda huma baqaw inadempjenti;
- L-ammont komplessiv tax-xoghol jammonta ghall-Lm3883.74 u ghalhekk sehem il-konvenuti huwa ta' elf mitejn erbgha u disghin lira maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1,294.58);
- Interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-konvenuti baqaw inadempjenti;

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha qalu li:-

- F'l-ewwel lok l-inkompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal, skond l-art 20 tal-Kap 398.
- Fit-tieni lok ix-xogholijiet ma kienux ta' natura urgenti u ghalhekk il-konvenut ma jistax ikun imgieghel ibati l-ispejjez taghhom.
- Fit-tielet lok il-konvenut qatt ma gie nfurmat li kellhom isiru xi xogholijiet u sar jaf bihom biss meta ircieva kont permezz ta' ittra mill-istess atturi.
- Fir-raba' lok u bla pregudizzju ghas-suespost, illi ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-konvenut u l-atturi fuq kif ghandhom jitqassmu l-ispejjez, ghalhekk se mai l-konvenut ghandu jhallas skond il-beneficcju li jiehu mix-xogholijiet u mhux terz ta' l-ammont globali.
- Fil-hames lok u bla pregudizzju ghas-suespost illi x-xogholijiet li saru kienu esagerati u eccessivi, in oltre l-istess attur irid jaghti rendikont komplet, bl-ircevuti fiskali ta' liema xogholijiet saru u l-ispejjez taghhom.

- Fis-sitt lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Ra d-dokumenti esebieti.

Ra x-xhieda ta' Emanuel Cachia.

Ra s-sentenza preliminari ta' dan it-Tribunal mghotija fil-15 ta' Mejju 2006.

Ra l-konvenuti rreferew il-kwistjoni jekk ix-xogholijiet mertu tal-kawza kienux ta' natura urgenti ghal arbitragg.

Ra l-kopja ta' l-atti ta' l-arbitragg li gew esebieti f'l-atti ta' din il-kawza.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Il-fatti saljenti ta' dan il-kaz huma relattivament semplici. Il-kontendenti huma propjetarji ta' appartament kull wiehed f'blokk ta' tlett appartamenti. Il-bejt huwa komuni bejn it-tlett appartamenti. L-atturi huma propjetarji tal-appartament fit-tielet sular; il-konvenuti huma proprjetarji ta' l-appartament fit-tieni sular. Fis-sena 2005 l-atturi biddlu s-saqaf ta' l-apartament taghhom, li jigi l-art tal-bejt tal-blokk u dan minhabba li dan is-saqaf kellu bzonn jinbidel u kien fi stat perikoluz. L-ispejjez ghal dan ix-xoghol harguhom l-atturi li mbaghad ppretendew rimbors ta' terz (ta' l-ispejjez) kull wiehed minghand is-sidien taz-zewg appartamenti l-ohra. Kien hemm ftehiem f'dan is-sens mal-propjetarji ta' l-appartament f'l-ewwel sular li fil-fatt hallas dak li talbuh l-atturi. Il-konvenuti pero rrifjutaw li jhallsu u ghalhekk saret din il-kawza.

F'l-ewwel lok il-konvenuti ikkontendew li x-xogholijiet maghmula mill-atturi ma kienux ta' natura urgenti u ghalhekk fin-nuqqas tal-kunsens espress tal-konvenuti sabiex isiru dawn ix-xogholijiet l-atturi ma kellhomx id-dritt jippretendu rimbors ta' l-ispejjez. Din il-kwistjoni giet risolta permezz ta' l-arbitragg li rrikorrew ghalih il-kontendenti wara s-sentenza preliminari mghotija minn dan it-Tribunal fil-15 ta' Mejju 2006. Id-decizjoni ta' l-Arbitru kienet fis-sena li l-atturi ma kellhomx bzonn jottjeni l-kunsens preventiv bil-miktub tal-konvenuti biex jaghmlu x-xogholijiet in kwistjoni u li l-atturi ghandhom ghalhekk id-dritt li jitolbu jigu rimborsati (ref pagna 7 u 8 ta' l-*award*).

Ghalhekk jibqa jigi deciz l-ammont pretiz mill-atturi hux gustifikat jew le.

F'dan ir-rigward it-Tribunal ihoss li ghandu jirreferi ghall-fatt li f'l-*award* tieghu l-arbitru mar oltre dak rikjest minnu mill-*claimants* (il-konvenuti odjerni) u cioe "*a declaration that the repairs carried out by respondent were not of an urgent nature and this for the determination of the cause pending in front of the Small Claims Tribunal in the names Borg vs Cauchi (Numru 1808/05 DC)*. Fil-fatt l-arbitru wara li ddecieda dan il-punt ghadda biex ikkunsidra jekk l-ammont mitlub mill-atturi odjerni kienx gustifikat u wasal ghall-konkluzjoni li l-konvenuti odjerni kellhom ihallsu l-ammont pretiz.

F'dan ir-rigward ta' min wiehed jinnota li f'l-i*statement of defence* taghhom fil-proceduri ta' l-arbitragg l-atturi odjerni ddeskrivew bhala "*the relief or remedy sought*" is-segwenti: *a declaration that the repairs carried out by respondent where of an urgent nature in terms of the Condominium Act and consequently order claimant to pay their share of expenses in regard to the works carried out by respondents together with all legal and judicial expenses incurred by respondents in pursuance of their claim*.

Minkejja li l-arbitru esprima ruhu anke dwar il-kwantum pretiz mill-atturi, l-kontendenti implicitament qablu li di il-kwistjoni kellha terga tigi deciza minn dan it-Tribunal peress li wara li gew konkluzi l-proceduri ta' l-Artbitragg, fuq talba ta' l-atturi stess mhux opposta mill-konvenuti, dan it-Tribunal gie mitlub jerga jappunta l-kawza ghas-smiegh.

Dwar il-kwantum reklamat it-Tribunal jhoss li ghandu jibda biex jaghmel xi osservazzjonijiet fattwali:
1. Is-saqaf mibdul huwa dak tat-tielet sualar cioe s-saqaf ta' l-appartament ta' l-atturi li jigi l-art tal-bejt li huwa komuni ghat-tlett appartamenti.
2. Ix-xogholijiet kienu saru necessarji mhux minhaba xi negligenza ta' xi hadd mill-partijiet imam minhabba d-dekors taz-zmien.
3. Ftehiem dwar kif ghandhom jigu spartiti l-ispejjez intlahaq biss mat-terz propjertarju ta'l-appartament f'l-ewwel sular li accetta li jhallas terz ta'l-ispejjez.
4. Il-konvenuti inizjalment irrifjutaw li jhallsu kwalunkwe ammont; kien biss fid-9 ta' Settembru 2005 permezz ta' ittra tal-konsulent legali taghhom (kopja a fol 93) li l-konvenuti accettaw li jhallsu xi haga.
5. Il-konvenuti f'din l-ittra accettaw li jhallsu sest (1/6) mill-ammont mitlub --- pero m'hemmx imdikazzjoni ta' x'inhu l-ammont mitlub --- wara li jitnaqqsu xi spejjez li l-konvenuti deherilhom li ma kienux gustifikati.
6. Jidher li ftehiem baqa ma ntlahaqx u saret din il-kawza.

Ezami tax-xhieda tal-konvenut kif ukoll tas-sottomissjonijiet maghmula da parti tal-konveuti jidher li, superati l-kwistjonijiet preliminari, huma tnejn u cioe li huma ghandhom responsabbilta biss ghal sest (1/6) mill-ispejjez u fit-tieni lok li mill-ispejjez totali ghandhom jtnaqqsu xi ammomti

ghaliex f'l-opinjoni tgahhom ma kenux necessarji ghal bdil tas-saqaf imma biex jissodisfaw xi esigenzi ta'l-atturi biss.

L-atturi minn-naha taghhom jikkontendu li a bazi ta' l-artikolu 11 tal-Kap 398 l-ispejjez ghandhom jinqasmu f'sehemijiet ugwali bejn it-tlett propjetarji.

Dwar kif ghandu jigi spartit dan l-ammont t-Tribunal jirreferi ghall-Att dwar il-Condominia.

L-artikolu 11 kwotat mill-atturi jipprovdi (fis-subinciz 1) li l-ispejjez mehtiega ghall-preservazzjoni manutensjoni u tiswjijiet ordinarji jew straordinarji …… ghandhom jinqasmu bejn il-condimini fi proporzjon ghall-valur tal-propjeta ta' kull condominus …. Dan l-artikolu pero ma jaghmilx referenza partikolari ghal bdil ta' soqfa. Din ir-referenza qeghda f'artikolu iehor u cioe dak numru 12.

Dan l-artikolu 12 jipprovdi li meta saqaf ikun in komuni u jkun is-saqaf ta' sular t'isfel u l-paviment ta' sular ta' fuq ta' condominium, l-ispejjez li jsiru ghal ... tiswijiet … straordinarji ta' dak is-saqaf ghandhom isiru nofs mill-condiminus t'isfel u n-nofs l-iehor mill-condiominus tas-sular ta' fuq (ref subinciz 1).

Dan l-artikolu jkompli, u jipprovdi li l-condominus ta' fus-sular ta' fuq ghandu jhallas l-ispejjez kollha li jkollhom x'jaqsmu mat-tqeid tal-paviment fil-waqt li l-condominus tas-sular t'isfel ghandu jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mat-tizbiegh u dekorazzjoni u servizzi fis-sular t'isfel. Meta mbaghad wiehed mis-sulari ikun jaghmel parti mill-partijiet konumi l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-amministratur f'isem il-condomini.

Huwa car minn dan l-artikolu li meta gie promulgat l-Att dwar il-Condominia l-legislatur hass li kellu jzomm il-principju li jidher stabbilit fil-

gurisprudenza taghna li saqaf li jiddevidi orizzontalemet zewg fondi ghandu jitqies komuni ghaz-zewg fondi li jfisser … li l-ispiza tar-rikostruzzjoni tal-bejt li kienet hekk mehtiega ghall-vantagg taz-zewg fondi ghandha in vista tal-komunanza titbata mill-propjetarji taz-zewg fondi (ref John Vella vs Pauline Mizzi Appell Inferjuri 6 ta' Ottubru 2004 u ls-sentenzi hemm kwotati).

Fil-kaz in ezami is-saqaf qed jiddevidi orizzontalment il-fond propjeta ta'atturi u l-bejt propjeta tat-tlett condomini. Konsegwentement l-ispejjez ghar-rikostruzzjoni tas-saqaf ghandha tigi spartitia kwantu ghal nofs mill-atturi propjetarji ta'l-appartement ta' taht il-bjet u nofs mit-tlett condomini propjetarji tal-bejt. Dan ifisser li mill-ispejjez kollha rinkorsi mill-atturi nosfhom biss ghandhom jigu spartiti bejn it-tlett kondomini ghalhekk l-konvenuti ghandhom jhallsu terz tan-nofs (cioe sest -- 1/6) ta'l-ispejjez.

Dwar it-tieni punt kontiz mill-konvenuti u cioe li hemm xi ammonti li ghnadhom jitnaqqsu mill-ispieza totali dan it-Tribunal huwa tal-fehma li, anke kif jirrizulta mix-xhieda tal-perit Cachia mghotija waqt l-arbitragg (a fol 70/71 ta'l-atti odjerni), ix-xogholijiet kollha li saru kienu kollha necessarji ghat-tibdil tas-saqaf u l-ammont kollu ta' tlett elef tmien mija tlieta u tmenin lira Maltja u hamsa u sebghin centezmu (Lm3,883.75) sbursat mill-atturi jirreferi biss ghar-rikostruzzjoni tas-saqaf u li ghalhekk ghandu jigi spartit bejn il-kopropjetarji kif fuq spjegat. Sest ta'l-ispejjez jammontaw ghal sitt mija sebgha u erbghin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm647.29).

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa t-talba attrici limitatment kif fuq spejgat u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sitt mija sebgha u erbghin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm647.29) b'l-imghaxx mill-llum. Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez ghandhom

> jithallsu nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti hlif dawk relatati ma'l-ewwel sentenza li ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti.**"**

L-appell devolut mill-atturi fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza huwa wiehed prettament ta' indoli legali u jirrigwarda l-interpretazzjoni li ghandha tigi akkordata lill-fattispeci skond id-disposizzjonijiet rilevanti taht l-Att dwar il-*Condominia* (Kapitolu 398);

Mhux il-lok li l-Qorti toqghod terga' tirriproduci l-fatti tal-kaz ghax dawn jinsabu sew imtennija kemm fis-sentenza appellata kif ukoll fil-lodo arbitrali tat-18 ta' Settembru 2006, li dwaru jinsabu diversi kopji fl-atti. Wara kollox ghall-meritu tal-kontroversja bejn il-kontendenti dak li jinhtieg jigi investigat ma huwiex daqstant il-fatti imma li tinghata twegiba ghal kwestjoni legali dwar ir-ripartizzjoni ta' l-ispiza involuta ghas-sostituzzjoni tal-bejt tal-blokk ta' appartamenti, u allura wkoll tas-saqaf tal-flat abitat mill-appellanti;

Sakemm ma jinghadx xort' ohra mill-att ta' l-akkwist jew minn xi ftehim bejn il-kondomini, huma prezunti komuni in raguni tar-rapport strutturali taghhom fost ohrajn, "is-soqfa", "l-arja li tigi fuq il-proprjeta` kollha" u b' mod generiku, "kull parti ohra tal-proprjeta` li ghandha ghan li tintuza b' mod komuni" [Artikolu 5 (a) ta' l-Att]. L-ispiza necessarja ghall-preservazzjoni, manutenzjoni, tiswijiet ordinarji u straordinarji ghat-tgawdija ta' dawn il-partijiet komuni u ta' dawk l-ohra li jsemmi l-precitat dispost tal-ligi hi dixxiplinata kif preskritt fl-Artikolu 11 (1) bil-mod li tobbliga lil kull kondominu jikkontribwixxi ghaliha "fi proporzjon ghall-valur tal-proprjeta` ta' kull kondimunus", salv ftehim derogatorju ghal din. Jigi osservat, merament b' parentesi, illi l-ligi ma tipprovdi ebda tabella [bhal ma nsibu per ezempju taht l-Att XXIII ta' l-1979 (Kapitolu 158)] ta' kif jigi determinat dan il-proporzjon u allura tal-kriterji tad-distribuzzjoni ta' l-ispiza. Jikkonsegwi fil-fehma tal-Qorti illi jekk dan ma jkunx gie regolat mill-assembleja tal-

kondomini, il-gudikant ghandu hu s-setgha li jistabilih. Ta' min jiddenota illi tali kwestjoni ma qametx jew ma gietx sollevata f' dan il-kaz u mhux mistenni ghalhekk li l-Qorti tintrattjeni ruhha zzejjed dwarha, jekk mhux forsi biex tassumi anke jekk teorikament illi l-valuri tat-tliet appartamenti fil-blokk huma ugwali. Dippju, kif ser jintwera aktar 'l isfel il-Qorti jidhrilha li l-kaz jisthoqqlu deroga tal-principju stabbilit fl-ewwel subinciz ta' l-Artikolu 11;

Dan premess, jinsab sottomess mill-appellanti illi l-kwestjoni involuta ghandha tkun determinata mill-imsemmi Artikolu 11 (1). Ma' din il-fehma t-Tribunal ma qabelx ghaliex itenni li dan il-provvediment tal-ligi ma jahsibx ghal kaz ta' bdil jew rikostruzzjoni ta' soqfa. Bir-rispett dovut din il-Qorti ma tistax taccetta din il-proposizzjoni tat-Tribunal;

A propozitu, u qabel kull konsiderazzjoni ohra, gie drabi ohra espress mill-Qorti ta' l-Appell illi "l-kriterju differenzjali prattiku bejn ir-riparazzjonijiet u r-rikostruzzjonijiet mhux facli li jigi formulat bi precizjoni u anzi hu perikoluz li wiehed jipprova jkun dommatiku in materja. Id-dottrina filwaqt li tissenjala l-importanza tad-distinzjoni, tista' tghid dejjem taghti wkoll riljev specjali lid-delikatezza taghha, u mhux ftit awturi jirrifuggu milli jifformulaw definizzjonijiet perikoluzi waqt li ohrajn li jipprovaw jiddefinixxu generalment u mhux minghajr utilita jaggungu certi avvertimenti ta' cirkospezzjoni. Il-kwestjoni, essenzjalment wahda ta' fatt u li fiha tirrientra anke certa relativita`, hi mhollija ghall-prudenzjali apprezzament tal-gudikant." ("**Giuseppe Abdilla -vs- Giuseppe Magro**", Appell Civili, 29 ta' Jannar 1971);

Fic-cirkustanzi tal-kaz prezenti u dik tar-responsabilita` wiesgha li l-Artikolu 11 (1) jghabbi fuq il-kondomini, a distinzjoni ta' certi disposizzjonijiet taht l-istitut tal-Kera fil-Kodici Civili ezaminati fil-precitata sentenza, hi l-fehma ta' din il-Qorti illi t-tibdil ta' soqfa kien ukoll kopert fl-obbligu

impost ta’ dik il-preservazzjoni li jsemmi l-vot tal-provvediment, hekk gravanti fuq kull wiehed mill-kondomini ghall-ahjar tgawdija u utilita` ta’ l-ambjent komuni. Jekk ma kienx hekk, jintilef l-iskop ghal liema l-haga komuni hi destinata li sservi, in kwantu d-deficjenza strutturali, bhal f’ dan il-kaz, taghmilha impossibbli, jekk ma tigix eliminata u ssir ir-rikostruzzjoni, ghall-uzu komuni prezunt. Dan ukoll “jekk wiehed jew izjed mill-*condomini* ma jaghmelx uzu minnu” (Artikolu 5);

Isegwi minn dan illi t-Tribunal ma kienx korrett meta rrikorra ghad-dispost ta’ l-Artikolu 12 ta’ l-Att. Dan ghaliex dan il-provvediment jippresupponi li s-saqaf jifred zewg unitajiet abitativi, wahda sovrastanti ghall-ohra, u apparentement ta’ sidien diversi. Hu biss f’ dan il-kaz li l-ispiza tikkompeti f’ partijiet ugwali bejn iz-zewg proprjetajiet ghaliex trattasi ta’ struttura divizorja bejn dawn iz-zewg unitajiet, b’ utilita` u uzu ugwali u inseparabbli ghalihom biss u mhux ghal kondomini ohra. Dan hawnhekk ma huwiex il-kaz ghaliex il-kwestjoni tirrivesti fuq is-saqaf ta’ l-appartament ta’ l-appellanti minn naha u l-bejt komuni sovrastanti. Ikollu jinghad illi kieku l-materja kellha tigi vizwalizzata mill-ottika ta’ l-Artikolu 12 kien ifisser illi dak il-kondominu l-iehor mhux parti fil-proceduri li eroga sehmu mill-ispiza kien ikun ghamel dan inutilment ghax ma kienx hekk obbligat skond l-imsemmi artikolu;

Ferma din il-konsiderazzjoni, ikollu jinghad bi qbil ma’ l-appellati illi ghal kaz kien jiccentra aktar s-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 11 milli dak taht l-Artikolu 12. Dan jipprovdi illi “meta l-ispejjez isiru dwar haga li sservi lil *condomini* f’ mizura mhux ugwali, l-ispejjez jinqassmu fi proporzjon ta’ l-uzu li kull wiehed jista’ jaghmel”. Tali artikolu hu bhal kumplament tad-disposizzjonijiet taht l-Att modellat fuq il-ligi Taljana, senjatament l-Artikolu 1123 tal-Kodici Civili. Dwaru l-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni spjegat hekk: “*In tema di condominio di edifici, il criterio della ripartizione delle spese per la conservazione ed il godimento delle parti comuni, previsto dal primo comma dell’ art. 1123 c.*

*c. non si applica quando si tratta di cose destinate a servire i condomini in misura diversa, per la quali, a meno che non vi sia diverso accordo delle parti, il criterio è, invece, quella della proporzionalita` tra spese ed uso stabilito dal secondo comma del medisimo articolo ...*" (**Cass. 13 ta' Lulju 1996, Numru 6359**. Ara "**Codice Civile annotato con la Giurisprudenza**" ta' Roberto Triola, Seconda Edizione, 2002);

Huwa indikattiv fil-kaz prezenti illi r-rifaciment tal-bejt tal-blokk, komuni ghal *condomini* kollha, kien hekk mehtieg ukoll, anke mill-karatteristika strutturali tieghu, fl-interess tar-rimpjazzament tas-saqaf ta' l-appartament l-izjed elevat appartenenti lill-atturi appellanti. La kien hekk, kien sew guridiku kif ukoll ekwu illi l-appellanti jaghmlu tajjeb ghall-ispiza nkorsa f' mizura dizugwali minn dik ta' l-appellanti. Hu ovvju illi fil-kaz ta' preservazzjoni tal-haga, il-kondomini jistghu jibbenefikaw f' mizura diversa, inferjuri jew superjuri skond il-kaz, ghad-dritt taghhom ta' komproprjeta` fuq il-parti komuni. Dan ghaliex fil-kaz in ispejce ix-xoghlijiet li saru assolvew funzjoni duplici. Il-wahda dik tal-konservazzjoni tal-bejt komuni, l-ohra, dik tat-tishih bir-rinforzar ta' saqaf tal-konkos fl-appartament li minnu certament l-appellanti akkwistaw godiment strutturali potenzjali;

Kwantu ghar-ripartizzjoni ta' l-ispiza, anke jekk issa l-Qorti ghamlet kunsiderazzjonijiet guridici diversi minn dawk tat-Tribunal, ma jidherx illi l-metodu adottat mit-Tribunal jista' jitqies censurabbli, tant li din il-Qorti qed taqbel mieghu. F' dawn ic-cirkustanzi u ghal din ir-raguni l-Qorti ma ssibx raguni biex tvarja, kif mitlub, l-ispartizzjoni mit-Tribunal ta' l-ispejjez gudizzjarji.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma, anke jekk ghal ragunijiet ohra, is-sentenza tat-Tribunal, bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a kariku ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------